**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**26 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 7/2021**

**Emanuela Farrugia**

**Vs**

**Awtorità tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Emanuela Farrugia** ppreżentat fit-2 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti tiddetjeni b'titolu ta' kera mingħand l-Awtorità intimata l-fond uffiċjalment magħruf bħala Flat 1, Binja Hesri, Blk A, Ent A, Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi bil-kera ta' mija disgħa ewro u disgħa u tlietin ċenteżmu (€109.39) u dan kif jirriżulta aħjar mill-kopja tar-riċevuta hawn annessa u markata Dok NC1.*

*Illi l-esponenti, sa mill-bidu tal-konċessjoni, minn dejjem użat il-fond magħruf bħala Flat 1, Binja Hesri, Blk A, Ent A, Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi bħala l-unika residenza tagħha u dejjem segwiet u osservat ir-regolamenti u kondizzjonjiet imposti fuqha mill-intimata Awtorità.*

*Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 20 ta Jannar 2021 li ġġib ir-referenza 264/21, ai fini tal-artikolu 9 sub-artikolu 1, para a, ċ, d(iii), d(iv), d(v) Artikolu 10 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponeti ġiet ordnata tiżgombra mill-appartament sorva ndikat fi żmien tletin (30) ġurnata minn notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju.*

*Illi r-raġunijet mogħtija sabiex isejsu r-raġuni għalfejn l-Awtorità intimata kienet qiegħda tordna l-iżgumbrament tal-esponenti huma:*

- *a. Qed tokkupa l-proprjetà mingħajr ebda titolu validu fil-liġi*
- *b. Bqajt tokkupa l-proprjetà wara li ntemmet l-aħħar kirja*
- *c. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke f'każ li kont qiegħda tokkupa l-art b'titolu validu fil-liġi, inti qed tuża l-fond u qed tagħmel użu differenti minn dak miftiehem,*

*issullokajt, ċedejt jew trasferixxejt il-fond mingħajr kunsens bil-miktub tal-Awtorità u ksirt jew inqast milli twettaq kundizzjonijiet fil-kuntratt mal-Awtorità*

*Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata mill-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità.*
*Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi, u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ, l-esponenti minn dejjem iddeteniet l-fond mertu ta' din l-azzjoni taħt titolu validu fil-kera*
2. *Illi fl-ebda ħin jew mument ma kien il-każ li l-imsemmi titolu ta' kera ġie terminat minħabba li b'xi mod kienet intemmet il-kirja*
3. *Illi ma hux minnu li l-esponenti, tul il-kirja, qed tuża l-fond u qed tagħmel użu differenti minn dak miftiehem, issullokat, ċediet jew trasferixxiet il-fond mingħajr kunsens bil-miktub tal-Awtorità u/jew kisret jew naqset milli twettaq kundizzjonijiet fil-kuntratt mal-Awtorità*

*Illi meħuda dawn l-allegazzjonijiet flimkien, u stante li hija l-Awtorità li qiegħda tallega, hija l-Awtorità li għandha tressaq dawk il-provi sabiex tissostanzja l-istess għal-liema raġuni l-esponenti, minn issa, titlob li għandu jkun hemm l-inversjoni tal-provi.*

*Għaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li ġġib 'il fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, filwaqt li tagħmel referenza għall-provi ġja prodotti u tirriserva li tipproduċi dawk il-provi l-oħra kollha skont il-liġi, titlob bir-rispett jogħġbu jħassar, jannulla u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorità tad-Djar tal-20 ta' Jannar 2020 stante illi hija waħda mingħajr ebda bażi legali u jordna li l-esponenti tibqa' tabita fl-istess fond ta' residenza u dawn taħt dawk il-provedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tad-Djar** ippreżentata fit-12 ta' Frar 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-
"

1. *Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-Awtorità esponenti hija s-sid tal-fond Flt. 1, Binja Hesri, Blk A, Ent A, Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi u tali fond hu mikri lill-attriċi b'permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Frar 1997* ***Dok HA 1****;*

3. *Illi l-Awtorità esponenti għamlet dawn is-segwenti spezzjonijiet:*
   a. *Fid-9 ta' Marzu 2016 l-Awtorità esponenti għamlet spezzjoni "after hours" fejn instabet persuna bl-isem Andrea Muscat u mhux l-attriċi;*
   b. *Illi fit-13 ta' Jannar, 29 ta' Marzu u anka fil-25 ta' Ottubru tas-sena 2017 saru diversi spezzjonijiet fejn instabet tirrisjedi ċertu sinjura Muscat li kienet qalet lill-ispetturi tal-Awtorità esponenti li dalwaqt kienet se toħroġ mill-fond mertu tal-kawża. Qalet ukoll li l-attriċi kienet se terġa' tidħol tgħix fil-fond malli toħroġ hi iżda mbagħad qalet li l-attriċi m'għadhiex tgħix fil-fond mertu tal-kawża;*
   c. *Seħħew diversi spezzjonijiet oħra (fis-27 ta' Ottubru, 1 ta' Novembru u fit-2 ta' Novembru tas-sena 2017) fejn ma nstab ħadd jirrisjedi fil-fond mertu tal-kawża filwaqt li ma kien hemm l-ebda konsum tal-ilma u elettriku;*

   *Tali spezzjonijiet huma mniżżlin f'rapporti li huma annessi u mmarkati bħala* ***Dok HA2a****,* ***HA2b, HA2c, HA 2d, HA 2e*** *rispettivament;*

4. *Illi fil-fatt l-attriċi nstabet tgħix għand ommha u in fatti l-attriċi stess ikkonfermat dan billi bagħtet dikjarazzjoni lill-Awtorità esponenti bħala tweġiba għall-ittra li ntbagħtet mill-Awtorità dwar it-terminazzjoni tal-kirja;*

5. *Illi ukoll l-attriċi kisret il-kuntratt meta ma baqgħetx tuża l-fond u għalhekk kien hemm non uso u ukoll bdil fid-destinazzjoni tal-fond għax il-fond ma baqax jintuża bħala residenza u ukoll għax għal żmien kien hemm sullokazzjoni. Dan imur kontra l-obbligi tal-attriċi kemm dawk riżultanti mill-kuntratt kif ukoll mil-liġi.*

6. *Illi a bażi ta' dan in-nuqqas biss ġja hemm raġunijiet biżżejjed biex jiġġustifikaw it-tkeċċija. L-Awtorità tad-Djar tikri postijiet lil min huwa fil-bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali (u allura lil min ma jaffordjax biex ikun proprjetarju) u ma tikrix biex il-postijiet tagħha jiġu sullokati lil terzi;*

7. *Illi l-kuntratt ta' kirja datat 25 ta' Frar 1997 jipprovdi illi:*

    > *"L-inkwilin ma jistax iċedi din il-kirja jew jissuloka l-fond kollu kemm hu jew biċċa minnu u jobbliga ruħu li jagħti ċwievet u jgħaddi lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali l-pussess ta' dan il-post hekk kif tintemm il-kirja."*

8. *Illi għalhekk fit-8 ta' Jannar 2020 l-Awtorità esponenti bagħtet ittra lil Emanuela Farrugia sabiex tittermina l-kirja kopja annessa bħala **Dok HA3**;*

9. *Illi l-Awtorità tad-Djar intant kif kellha dritt tagħmel, waqqfet il-kirja ta' Emanuela Farrugia permezz ta' ittra datata 8 ta' Jannar 2020 fejn l-Awtorità tad-Djar infurmatha li mhux se tkun qed iġġedded din il-kirja wara l-31 ta' Marzu 2020. Saru diversi spezzjonijiet u ħadd ma nstab fil-fond u dan kien ukoll korroborat mill-fatt li ma kienx hemm konsum ta' servizzi rriġistrat fil-fond. U għalhekk wara din it-terminazzjoni tal-kirja l-attriċi ma kellhiex titolu validu fil-liġi.*

10. *Illi fit-23 ta' Novembru 2020 l-Awtorità esponenti bagħtet ittra lil Emanuela Farrugia sabiex tirritorna ċwievet – kopja annessa bħala **Dok HA4**;*

11. *Illi minħabba l-fatt li l-attriċi baqgħet inadempjenti, l-Awtorità esponenti bagħtet Ittra Uffiċjali għal żgumbrament datata 20 ta' Jannar 2021 liema ittra ġiet notifikata fis-27 ta' Jannar kif ukoll fid-29 ta' Jannar tas-sena 2021 – kopja hawn annessa **Dok HA5**;*

12. *Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali Numru 264/21 datata 20 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha talbet lir-rikorrenti tiżgombra mill-fond Flat 1, Block A, Entrance A, Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tal-istess ittra u dan stante li:-

1. Kienet qiegħda tokkupa l-fond in kwistjoni mingħajr titolu validu fil-liġi;
2. Baqgħet tokkupa l-fond wara li ntemmet l-aħħar kirja;
3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke f'każ li kienet qed tokkupa b'titolu validu fil-liġi, kienet qed tuża l-fond u tagħmel użu differenti minn dak miftiehem, issullokat, ċediet jew ittrasferiet il-fond mingħajr kunsens bil-miktub tal-Awtorità u kisret jew naqset milli twettaq kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' kirja mal-Awtorità.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija kienet kriet il-fond in kwistjoni mingħand l-Awtorità tad-Djar flimkien ma' żewġha. Madanakollu, wara xi seba' xhur li bdew jgħixu fl-imsemmi fond, żewgha sfortunatament miet b'marda terminali. Tispjega li fl-2015 binha wkoll miet b'marda terminali. Tgħid li wara l-mewt ta' żewġha hija bdiet tbati bid-dipressjoni. Tispjga li wara li ġie nieqes it-tifel hija kellha relazzjoni ma' ċertu Andrea Muscat u kienet tistedinha fil-fond in kwistjoni u tqatta' ħinijiet twal magħha. Din ir-relazzjoni spiċċat stante li Muscat bdiet tippretendi li tista' tgħix u toqgħod fil-fond in kwistjoni. Tispjega illi hija qatt ma rċeviet ittri jew avviżi mingħand l-Awtorità intimata għajr għall-ittra uffiċjali tal-20 ta' Jannar 2021. Lanqas ma kien kellimha ebda uffiċjal tal-Awtorità. Madankollu xi ġirien ġieli qalulha li billejl kien ħabbtilha xi ħadd iżda hi tispjega jew tkun għand ommha jew tkun rieqda u tħossha skomda tiftaħ f'ċertu ħinijiet.

In kontro-eżami r-rikorrenti xehdet illi meta ommha jkollha bżonnha hija torqod magħha. Mistoqsija torqodx iktar iż-Żurrieq milli s-Siġġiewi, ir-rikorrenti wieġbet li hekk hu. Fir-rigward ta' Andrea Muscat, ix-xhud spjegat li l-istess persuna kienet qarrqet biha peress li kienu ftehmu li kellha tgħinha fil-ħlas tal-kera però ma kienet ħallset xejn. Tispjega li Muscat damet tgħix fil-fond in kwistjoni xi sena u nofs. Tgħid li wara li Muscat telqet mill-fond hija marret tiċċekja jekk kienx sar xi ħlas tal-kera da parti ta' Muscat, u sabet li ma kienx sar l-ebda ħlas anzi kien hemm elf ewro arretrati u għalhekk għamlet ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet biex tħallas ftit ftit.

**Mary Caruana**, oħt ir-rikorrenti, xehdet illi r-rikorrenti tkun ħafna għand ommhom peress li bid-dipressjoni u anke sabiex tieħu ħsieb lil ommhom. Tispjega li oħtha kienet għamlet ħabiba ma' persuna, jisimha Andreana Muscat,

li kienet qisha ħadet pussess fuq oħtha. Ix-xhud spjegat li oħtha għandha l-ġranet tagħha meta tieħu ħsieb lil ommhom anke billejl.

**Dr. Bryony Balzia Bartolo** avukat u maniġer fis-Sezzjoni Legali tal-Awtorità intimata, spjegat illi l-Awtorità ġiet infurmata illi l-fond mikri lir-rikorrenti kienet daħlet tgħix fih familja oħra. Għalhekk l-Awtorità għamlet numru ta' spezzjonijiet li bdew f'Marzu 2016 bl-aħħar waħda tkun f'Lulju 2019 fejn ir-rikorrenti qatt ma nstabet fil-fond u fejn f'numru ta' okkażjonijiet instabet tgħix fil-fond ċertu Andrea Muscat. Wara Lulju 2019 saret spezzjoni f'post fiż-Żurrieq fejn instabet tgħix ir-rikorrenti flimkien ma' ommha. Għalhekk l-Awtorità pproċediet billi nfurmat formalment lir-rikorrent li ma kinitx se ġġeddilha l-kirja tal-fond in kwistjoni u talbitha tirritorna ċ-ċwievet. Ix-xhud spjegat illi bl-aġir tagħha r-rikorrenti kisret diversi kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' kirja, fosthom ma użatx il-fond u wkoll issullokat l-istess fond.

**Ronald Isles u Gratian Francica,** spetturi mal-Awtorità intimata, ikkonfermaw li huma għamlu numru ta' spezzjonijiet fil-fond in kwistjoni u fl-istess spezzjonijiet jew ma sabu lil ħadd jew sabu lil terzi. Gratian Francica spjega li wara diversi spezzjonijiet fil-fond *de quo,* huwa mar jagħmel spezzjoni f'fond fiż-Żurrieq fejn sab lir-rikorrenti li qaltlu li kienet qed tgħix ma' ommha wara li kienu mietu żewġha u binha. Jispjega li qaltlu li hi kienet tbati mid-dipressjoni. Però jispjega li l-persuna li kienu sabu fil-fond *de quo* kienet qaltilhom li r-rikorrenti kienet ilha sbatax-il sena ma tgħix fil-fond. Mistoqsi in kontro-eżami jekk mill-2019 'l hawn kinux saru xi spezzjonijiet oħra, ix-xhud wieġeb li min-naħa tiegħu ma kinux saru.

**Ikkunsidra:**

Illi mix-xhieda u mid-dokumenti ppreżentati huwa paċifiku illi r-rikorrenti għamlet żgur perjodi pjuttost twal ma tgħix fil-fond in kwistjoni. Jirriżulta wkoll illi hija kienet ippermettiet lil terzi jgħixu fl-istess fond għal numru ta' xhur. Illi għalkemm ma' dawn it-terzi kellha ftehim li jgħinuha tħallas il-kirja fuq il-fond *de quo* dawn fil-fatt ma għamlu l-ebda ħlas.

Illi t-Tribunal iqis dan il-każ bhala wieħed sfortunatat għall-aħħar. Illi dan it-Tribunal kellu l-okkażjoni fejn ikkonferma deċiżjoni ta' żgumbrament tal-Awtorità intimata fejn l-inkwilina kriet il-fond lil turisti. Però dan il-każ huwa kemxejn differenti. Hawnhekk it-Tribunal għandu quddiemu persuna vulnerabbli, anke kif jixhed iċ-ċertifikat rilaxxat mit-tabib tal-familja Dr. Raymond Sacco li ċċertifika lir-rikorrenti bħala persuna li tbati mill-epilessija u d-dipressjoni. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, l-esperjenzi xejn sbieħ li għaddiet minnhom ir-rikorrenti, komplew aggravaw il-vulnerabilità tagħha u jista' jkun ukoll li sabet min japprofitta ruħu minnha biex isib akkomodazzjoni bla ħlas.

Illi r-rikorrenti offriet spjegazzjoni plawsibbli għaliex kienet, u għadha, ma tkunx daqshekk b'mod frekwenti fid-dar tagħha. Fuq naħa waħda kellha l-bżonn personali li ma tkunx waħidha wara dak li għaddiet minnu u min-naħa l-oħra kien hemm ommha anzjana li kellha bżonn l-għajnuna tagħha. Però b'dana kollu ma jirriżultax illi hija abbandunat il-fond in kwistjoni. Illi l-fond in kwistjoni għadu l-fond ta' abitazzjoni tagħha, u kif spjegaw hi u oħtha, hija għandha biss sehem indiviż mid-dar ta' ommha meta din tiġi eventwalment nieqsa. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-fatt li r-rikorrenti tqatta' ammont ta' ħin konsiderevoli għand ommha ma jwassalx neċessarjament għall-abbandun tal-fond in kwistjoni.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal se jiċċita biss waħda mid-diversi sentenzi li ngħataw mill-Qrati tagħna fuq il-kwistjoni ta' abbandun ta' fond residenzjali, u cioè **George Felice vs Gianni Cini** (Qorti tal-Appell 28 ta' Ġunju 2001) fejn intqal is-segwenti:

"*...indubjament biex wieħed ikun sodisfatt li l-inkwilin ikun definittivament abbanduna l-fond lokat, u biex il-ġudikant ikollu dik iċ-ċertezza li twasslu biex jippriva lill-inkwilin mid-dar ta' abitazzjoni u residenza abitwali tiegħu, żgur kien meħtieġ it-trapass ta' żmien ferm itwal. Dan multa magis meta s-sid la jkun irnexxielu jġib u lanqas ikun minimament ipprova jġib xi forma ta' sostenn jew korroborazzjoni għall-allegazzjoni tiegħu tan-non uso bil-prova ta' fatti li l-inkwilin kien assuma residenza band'oħra. Fost dawn kienu jkunu indikati l-provi dwar fejn kien qed joqgħod attwalment l-inkwilin, dwar jekk kienx żvojta l-fond lilu mikri mill-effetti personali tiegħu, u qabad u qegħedhom band'oħra; dwar jekk kellux reġistrazzjoni tal-vot tiegħu fuq fond differenti; dwar jekk kienx jirċievi korrispondenza jew kontijiet fuq xi fond ieħor; dwar jekk kellux il-karta tal-identità tiegħu reġistrata band'oħra. Dawn kollha kienu ftit miċ-ċirkostanzi li, jekk provati, setgħu jwasslu lill-Bord għall-konvinċiment li veramament kien hemm dak in-non uso tal-fond mikri lill-inkwilin.*

...

*Hija hawn rilevanti l-ġurisprudenza tista' tgħid paċifika in materja li tistabbilixxi l-prinċipju li meta persuna anzjana tmur tgħix ma' uliedha jkollha ġustifikazzjoni biex ma tibqax fiżikament tabita jew tuża l-fond lokat. Iżda dan ma jfissirx li tali nuqqas ta' użu seta' jammonta għal tibdil ta' destinazzjoni proprju għaliex ma setax jiġi eskluż illi l-inkwilin jsib ruħu f'ċirkostanzi li fihom ikollu jew jirritorna fil-fond li fuqu kellu titolu ta' inkwilinat għax ma jkunx għadu possibbli għalih li jibqa' joqgħod jew mal-familjari jew f'residenza ta' anzjani jew band'oħra.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jingħad li meta l-appellant mar joqgħod għand bintu, huwa kellu akkomodazzjoni alternattiva għalih...billi ma ġiex ippruvat li l-appellant kellu xi titolu biex jokkupa l-fond appartenenti lil bintu u żewġha....għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad li kien hemm abbandun tal-fond li jammonta għal tibdil ta' destinazzjoni tal-fond bil-fatt li l-appellant ma*

*baqax jorqod fil-fond għal raġuni valida. Del resto ma hemm l-ebda obbligu li l-inkwilin jorqod fil-fond lilu mikri. Lanqas ma jista' jingħad li l-appellant kellu akkomodazzjoni alternattiva tal-fond.*
...
*Din il-Qorti kolleġġjalment komposta kellha okkażjoni reċentement tiddeċiedi każ simili għal dak preżenti fil-kawża "Lino Bonnici vs Michelina Livori" fit-30 ta' Novembru 1983, fejn wara li osservat illi "kif inhu risaput jiġri ta' spiss fost nies ta' età avvanzata, li jkunu jgħixu waħedhom li dawn imorru, għal raġunijiet ta' saħħa, jew raġunijiet oħra, jgħixu ġewwa istitut jew sptar, jistgħu dejjem ikomplu jżommu darhom biex jekk jiddejqu jew ifiqu jkunu jistgħu jirritornaw fiha, u illi "il-fatt li dawn in-nies jgħixu għal żmien twil ġewwa sptar jew istitut, ma jfissirx li għalhekk huma għandhom alternative accomodation f'dak l-isptar jew istitut, u li kwindi s-sid jista' jieħu lura r-residenza mikrija lilhom mingħajr ma joffri alternative accomodation..." (Mary Abela pro et noe vs Joseph Camilleri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' April 1986)."*

Dan l-istess ħsieb jinsab traċċjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kolleġġjalment komposta fil-kawża fl-ismijiet **Inez Agius et –vs- Jane Scicluna,** 8 ta' Novembru 1994. Fiha jingħad illi nonostante illi l-inkwilina kienet ilha għal xi 9 jew 10 snin tgħix ma' bintha, il-fatt li baqgħet tħallas il-kera, ħalliet ħwejjiġha u l-għamara fil-fond dawn huma provi sodi li jiddemostraw li non si tratta ta' abbandun.

Illi fil-każ odjern, ma għandniex anzjana tmur tgħix ma' bintha, imma bil-kontra. Madankollu t-Tribunal huwa tal-fehma, illi tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari għal dan il-każ, l-istess raġunament għandu japplika. Huwa minnu li r-rikorrenti għamlet żmien ma tabitax fil-fond in kwistjoni però jirriżulta illi wara li telqet Muscat mill-fond hija reġgħet ħadet ir-riedni f'idejha. Għajr għal okkażjoni ta' darba li marru jkellmuha l-ispetturi tal-Awtorità ġewwa d-dar t'ommha fiż-Żurrieq fejn spjegatilhom is-sitwazzjoni tagħha, ma nġabet ebda prova illi hija ttraslokat għalkollox għand ommha. Il-fatt li ħalliet terzi persuni jgħixu fil-fond *de quo* mingħajr permess tal-Awtorità intimata huwa żbaljat però ma rriżultax li r-rikorrenti ħadet xi tip ta' benefiċċju minn dan kollu. Pjuttost, minn kif xehdet ir-rikorrenti, hija sfat vittma tal-istess terzi minħabba l-vulnerabilità tagħha.

Illi t-Tribunal jifhem illi l-Awtorità intimata għandha pressjoni kbira biex talloka r-residenzi tagħha lil numru kbir ta' applikanti. Però ladarba r-rikorrenti spjegat is-sitwazzjoni tagħha li minnha ma jirriżultax illi abbandunat definittivament ir-residenza tagħha, u kwindi ma ġiex ippruvat l-ebda animu ta' abandun, it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrenti ma għandhiex tiġi żgumbrata.

Illi filwaqt li dan it-Tribunal jaqbel illi fejn ikun qiegħed isir abbuż lampanti l-Awtorità intimata tieħu dawk il-passi neċessarji biex il-fondi allokati għal

akkomodazzjoni soċjali jiġu mqassma lil min verament għandu bżonn, min-naħa l-oħra ma jsibx ġust li persuna li tikkwalifika għall-akkomodazzjoni soċjali u li m'għandha l-ebda fond alternattiv tispiċċa f'nofs ta' triq. Hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq kirjiet privati fejn hemm is-suq li jirregolahom. Hawnhekk qed nitkellmu fuq servizz soċjali importanti u filwaqt li t-Tribunal jaqbel li m'għandux ikun hemm abbuż minnu, lanqas ma jista' wieħed jippriva lil persuna, li qiegħda toqrob lejn l-anzjanità, minn darha ladarba m'għandha l-ebda fond alternattiv ieħor u l-mezzi tagħha huma ferm limitati. Il-fatt li r-rikorrenti ħasset il-bżonn li tqatta' ċertu ħin għand ommha, ma jfissirx illi b'daqshekk hija għandha tiġi żgumbrata mill-fond in kwistjoni.

Illi fiċ-ċirkostanzi dan it-Tribunal ma jarax li f'dan l-istadju, u sakemm ir-rikorrenti ma tabbandunax għalkollox il-fond *de quo*, hija għandha tiġi żgumbrata mill-istess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata u b'hekk qiegħed jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta fl-ittra uffiċjali datata 20 ta' Jannar 2021 u li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 88 tal-proċess.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**